# IT-TAQBIL FOLKLORISTIKU F'BORMLA U TAGĦRIF FUQU

L-għeruq Maltin għall-kant tal-għana f'pajjiżna, imorru lura għal żmien is-seklu 18. Dan jirriżulta minn tagħrif li nsibu bil-miktub. Ġeneralment, il-kant tal-għana kien ikun akkumpanjat bil-mużika. Insibu tagħrif li jsostni li l-aktar li kienet titkanta l-għana, kien ikun min-nisa waqt ix-xogħol tad-dar u minn ħaddiema oħra waqt li jkunu għaddejjin bix-xogħol tagħhom. Maż-żmien, l-għana evolviet biex saru regoli għar-ritmu u r-rima. Minkejja dan, l-għana xorta baqgħet marbuta mal-klassijiet tal-ħaddiema. Fuq dan is-suġġett, illum se nippreżenta intervista ma' Angelo Dougall, li ħalliena f'Diċembru tal-2017.

Minn **CHARLES B. SPITERI**



**Angelo, fil-folklor tagħna nsibu żewġ kelmiet: TAQBIL u GĦANA. Dawn jirreferu għall-istess ħaġa? U jekk le, x'għandhom differenti?**

Kien hemm daqsxejn ta' nuqqas ta' ftehim fuq dan. Fost l-istudjużi tal-folklor kien hawn min kellu l-idea li huma l-istess ħaġa. Kellna wkoll xi studjużi u kittieba li ħalltuhom flimkien. Irridu ngħidu mill-ewwel li la qatt kienu u lanqas mhuma xorta. L-għana, kif kulħadd jaf, hu dak folkloristiku li jinstema' f'kull rokna tal-gżejjer tagħna mill-għannejja. It-taqbil kien l-aktar jingħad fit-Tlett Ibliet (il-Kottonera), u l-aktar f'Bormla. Issa tassew ħasra li nqata' u m'għadekx tisimgħu aktar. Bid-differenza li t-taqbil kien fil-forma ta' rakkont li drabi kien jintqal bil-kantaliena u kien ikun ukoll deklamat. Ħafna drabi kien jintqal bħal speċi ta' makkjetta, jew minn xi ħadd li jrid juri l-ħila tiegħu għat-taqbil. Nistgħu nsejħulu għana bla mużika. Illum il-ġurnata m'għadniex nisimgħuh.

**Dan it-taqbil isemmuh il-barranin?**

Xi kittieba barranin innutawh u semmewh fil-kotba tagħhom, għalkemm bħal George Percy Badger, fil-ktieb tiegħu *Description of Malta and Gozo*, 1838, isemmi li kemm it-taqbil u kemm l-għana huma xorta waħda u l-istess. Badger ma daħalx fl-ispirtu tat-taqbil fih innifsu, waqt li ħallat it-taqbil mal-għana, jew ma fehemx il-metodu folkloristiku tiegħu l-aktar fost il-ħaddiema tal-Kottonera.

Il-Kavallier Saint Priest ħallielna għanja bil-Malti fil-ktieb tiegħu bil-Franċiż dwar *Malta Malte Par un Voyageur*, 1791, iżda lanqas ma tana ħjiel jew xi tagħrif dwar it-taqbil. Badger semmieh biss u qal ".. this the natives call 'Taqbel'. The subjects vary according to the circumstances, sometimes partaking of the nature of epic poetry . . . " (. . . dan il-Maltin isejħulu "taqbil, is-suġġett ivarja skont iċ-ċirkustanzi, kultant jieħu l-forma ta' poeżija epika...") . Iżda fost kollox, Badger jgħid li l-Maltin iħobbu jqabblu għall-gost.

**Kif tista' tgħid li t-taqbil ra l-bidu tiegħu, f'Bormla?**

It-Tlett Ibliet, barra li kellhom il-folklor tagħhom, kienu l-benniena tal-mestier tal-baħar, u għal dan Malta kienet magħrufa mad-dinja. Iżda l-folklor marittimu kemxejn ma ntilifx meta n-nies ta' dawn l-ibliet ġew evakwati u tferrxu ma' Malta kollha fl-Aħħar Gwerra Dinjija.

Meta Napuljun Bonaparte ħakem lil Malta u keċċa lill-Kavallieri, barra li kien l-ewwel bniedem li sejjaħ lill-Birgu, lill-Isla u lil Bormla bħala Le Trois Cités (It-Tlett Ibliet), hu nnifsu, b'digriet tat-13 ta' Ġunju 1798 (Arrête du 25 Prairal An VI) ifforma l-Muniċipju tal-Lvant tal-Belt ta' Malta. Il-flotta tal-Ordni waqgħet taħt idejh u għall-invażjoni u l-ħakma tal-Eġittu, ħa miegħu lill-baħħara Maltin li l-parti l-kbira tagħhom kienu minn dan il-lokal; u b'hekk ukoll min jaf kemm folklor marittimu Malti ntilef! Iżda xi ftit minn dak il-folklor marittimu baqa' jintqal għal bosta snin wara.

**Bħalma l-għana jaqa' taħt ħafna forom, it-taqbil l-istess?**

Iva. Jien insejjaħlu "taqbil la Bormliża" għax l-aktar li smajtu jingħad kien f'Bormla. Ħafna drabi, in-nies kienu jitgħallmu t-taqbil bl-amment u kienu bosta dawk li jiddilettaw bih. Is-sabiħa mbagħad kienet li l-anzjani kienu jgħadduh minn ġenerazzjoni għal oħra. Kienu jgħiduh bil-lajma, wisq drabi jiddeklamawh waqt xi serata,

> **It-Tlett Ibliet, barra li kellhom il-folklor tagħhom, kienu l-benniena tal-mestier tal-baħar, u għal dan Malta kienet magħrufa mad-dinja. Iżda l-folklor marittimu kemxejn ma ntilifx meta n-nies ta' dawn l-ibliet ġew evakwati u tferrxu ma' Malta kollha fl-Aħħar Gwerra Dinjija**

jew jingħad minn fuq ir-ribalta' tal-palk f'xi intervall waqt it-tibdil tax-xeni. Ġieli wkoll kienu jgħiduh għad-delizzju, waqt xi laqgħa soċjali, biex jedhew u biex juru ħilithom fit-taqbil. It-taqbil kien ikun tgħarbil il-moħħ għas-sejba ta' kliem li jaqbel. Mhux magħruf jekk qattx inkiteb xi taqbil jew xi tagħrif fuqu.

**Kien hemm waqtiet li fihom l-aktar li kien isir taqbil?**

L-aktar fejn ix-xogħol kien monotonu. Kienu jqabblu fuq ħafna suġġetti, il-fjuri, l-għamara, id-dar, l-ikel, il-kċina, il-ħut, u affarijiet oħra. Kien isir taqbil fuq is-snajja': il-ħaddieda, il-mastrudaxxi, l-ebbanisti, is-sajjieda, is-sillara, l-iskrapan, eċċ. It-taqbil kien isir ukoll waqt it-tħaddim tal-argnu fit-tarzna, meta jkun qed jiddaħħal xi bastiment fil-baċir.

Kien xogħol iebes u waqt li l-ħaddiema kienu jdawru l-manwelli tal-argnu, kien ikun hemm nies apposta magħrufa għat-taqbil. Fost l-oħrajn jissemma Leli Casha, il-Bronk, raġel mibni b'saffejn, Bormliż, li kien gwapp għal dan it-taqbil. Kellu sens ta' umoriżmu qawwi, ferrieħi, idaħħak u dħuli.

**Jiġifieri nistgħu ngħidu li t-taqbil kien serħan għal bosta ħaddiema f'xogħol tedjanti, hux hekk?**

Hekk hu. Fl-antik, wieħed kien isib ukoll ix-xogħol tal-brim tas-sigarri. Dan ukoll kien xogħol monotonu u metodiku, u biex iderru waqt ix-xogħol, il-barrama kienu jħobbu jqabblu bejniethom.

L-aktar waħda li niftakar fost il-barrama tas-sigarri, kienet Zolli Bajada tas-Sajjied. Kienet min-naħa ta' San Ġwann t'Għuxa. Niftakar ukoll lil Ċikka l-Kalora, li mingħalija kienet min-naħa tal-Bastjun. Daqskemm Zolli kienet tbeżżagħni bil-bixra ta' wiċċha, daqshekk kienet tiġbidni bil-manjieri twajba tagħha. Kuġinti, Ġulja (Busuttil nee Dougall) fakkritni f'nisa oħra barrama tas-sigarri: Ċikka tal-Bastjun, Mananni l-Kokka mill-Bastjun ukoll, u Ċensa li kienet toqgħod qrib is-Suq il-Ġdid ta' Bormla. Dawn in-nisa kienu kollha għannejja tajbin, li kienu jinfexxu f'xi għanja spirtu pront jew La Bormliża, barra li kienu jagħtuha wkoll għat-taqbil.

Nannti Vitor li kienet, biex ngħid hekk, il-prinċipala tal-fabbrika, mhux talli kienet tħallihom, talli kienet tieħu pjaċir bihom, għax kienu nisa twajba u tal-familja, basta l-għana u t-taqbil ikun nadif.

Angelo, iż-żminijiet jinbidlu u jibdlu wkoll id-drawwiet. Kif tara d-differenza?

Daż-żmien jitwaħħlu loudspeakers fil-ħwienet tax-xogħol u fl-uffiċini, li minnhom tixxandar mużika u kant, u l-ħaddiem jinżamm aljenat. Sas-snin ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945) tas-seklu l-ieħor ma kienx hekk. Waqt li xi persuna jew tnejn iqabblu bejniethom, il-ħaddiema l-oħra kienu joqogħdu jisimgħu u jsegwu t-taqbil u l-'Għana' li jingħad. F'żgħoriti niftakru hekk u l-aktar li sirt naf fuqu meta kont inkun għand nannieti Bormla fil-fabbrika tagħhom tat-tabakk u l-manifattura tas-sigarri fi Strada Nuova qrib il-mina ta' Santa Liena. Il-ħaddiema tat-tarzna kellhom it-taqbil tas-snajja' tagħhom u kellhom id-dilettanti tat-taqbil fuq is-sengħa tagħhom.

**Kif semmejna aktar 'il fuq, it-taqbil kellu l-forom differenti tiegħu. Forsi tista' tgħidli x'kienet l-aktar forma li tintqal?**

Kienet dik ta' meta persuna tqabbel waħidha. Kien hemm ukoll meta tnejn iqabblu bejniethom u jalternaw il-versi u l-kwartini. Apparti mit-taqbila "Il-Ftila u l-Mila" li kienet bl-immaljar tal-kliem imqabbel, it-taqbil kien ta' A-A, B-B, l-ewwel żewġ versi A-A li kienu b'taqbil moħfi, u t-tielet u r-raba' versi B-B bit-taqbil tronk. Ma kienx hemm wisq metrika fil-vrus, iżda t-taqbil kien l-importanti.

**Tħoss li t-taqbil, li kien parti importanti mill-folklor Malti, ġie injorat?**

Mhux injorat biss, iżda kważi ntesa. It-taqbil kien inħoloq kemm għall-passatemp u kemm sabiex iderru mill-monotonija tax-xogħol. Il-folklor Malti ssawwar tagħna f'tagħna, fl-iżolament tal-gżejjer tagħna u ma kellu influwenza minn imkien. Sar bla imbuttar, bla ndħil barrani, bla kkupjar u bla sfurzar. Il-poplu inġenerali kien bla skola, nieqes mit-tagħlim u b'edukazzjoni limitata. Kulma għamel kien għalih, għad-delizzju tiegħu u għall-mogħdija taż-żmien. Jekk kien hemm xi xebh u xi paralleliżmu ma' xi mkien ieħor, kien aċċidentali.

**Jiġifieri nistgħu ngħidu li t-taqbil hu tagħna biss bħala poplu?**

Ngħidlek din, għax mhux sew li nieħdu l-mertu aħna biss. Xi emigranti xjuħ Maltin li marru Detroit fl-ewwel snin tas-seklu 20, qaluli li kienu raw ħafna xebh fil-folklor u fid-drawwiet tagħna ma' dawk ta' emigranti minn pajjiżi oħra. Dan kien paralleliżmu aċċidentali fil-folklor ta' ġnus oħra tax-xtut tal-Mediterran u . ssawwar minnhom l-aktar minn ħtieġa tal-ħajja li kienu jixbhu lil dawk tagħna.

**It-taqbil mhu xejn ġdid fil-folklor. Donnha qiegħda f'demmhom il-ġnus u t-tribujiet Semitiċi fosthom kienu l-Kangħanin (il-Feniċi) li kienu jħobbu jgħarblu moħħhom għal dan. Fit-Testment il-Qadim tal-Bibbja Mqaddsa it-taqbil jissemma ħafna drabi u kien differenti mill-għana u meqjus differenti**

Dwar it-taqbil jista' jinkiteb ħafna. Niftakarhom sewwa l-barrama tas-sigarri fil-fabbrika ta' nannieti f'Bormla, li waqt li jkunu qed jobormu l-faxex tat-tabakk biex jagħmluhom sigarri, xogħol li hu metodiku, ripetittiv u jdejjaq, kienu jżommu ruħhom okkupati, allerti u medhijin bit-taqbil. Ġieli tkun waħidha Zolli tqabbel b'mod reċitattiv u bil-lajma, taħdem waqt li taħseb x'se tqabbel. Ġieli kienu jkunu tnejn iqabblu bejniethom; Zolli ma' Ċikka l-Kalora; iżda tabilħaqq li l-barrama kollha jkunu għassa ta' xulxin għal kulma jkun qed jingħad ħalli la jitfixklu u lanqas jirrepetu ruħhom.

**Tiftakar li kien hemm xi taqbil ta' sengħa?**

Kien hemm dak li nsejjaħlu 'mmaljat' u li kien jinħtieġ ħsieb u sengħa kbira. Lil Zolli kultant kont nitlobha tgħidli t-taqbila 'Ftila u l-Mila' u din l-imbierka kienet tgħidli l-verżjoni l-qasira ta' dik it-taqbila. Fiha tidher id-differenza bejn taqbila 'sempliċi' u taqbila 'mmaljata'. Din kienet popolari ħafna u n-Nutar Vincenzo Maria Pellegrini (1911-1997) poeta, li kien bniedem magħruf ħafna għal-letteratura, darba kien qalli li jiftakar lil ommu (Evangelista nee Aquilina) tgħid din it-taqbila folkloristika sikwit. Mill-Gwerra Dinjija (1929-1945) 'l hawn ma smajthiex aktar!

Kien hemm ħafna verżjonijiet ta' din it-taqbila mmaljata u ħafna drabi kienu jibqgħu sejrin biha ġranet sħaħ. Niftakar li kienet tispiċċa b'terminoloġija tabilħaqq marittima:

*Il-ħabel mhuwiex stoppa,*
*Pruwa 'l fuq u riħ in poppa!*

L-għada, il-barrama kienu jkomplu t-taqbila mnejn ħallew il-ġurnata ta' qabel.

Naraw li fit-taqbil kollox hu fin-negattiv bil-kliem: mhux, ma hux, ma hix, mhix, mhuwiex, mhumiex u lema. Għalkemm bosta vrus minnhom huma mfasslin b'ritmu, imma biss jitqabblu u mhux poeżija.

It-taqbil mhu xejn ġdid fil-folklor. Donnha qiegħda f'demmhom il-ġnus u t-tribujiet Semitiċi fosthom kienu l-Kangħanin (il-Feniċi) li kienu jħobbu jgħarblu moħħhom għal dan. Fit-Testment il-Qadim tal-Bibbja Mqaddsa it-taqbil jissemma ħafna drabi u kien differenti mill-għana u meqjus differenti. Ġieli kemm it-taqbil u kemm l-għana jissemmew flimkien. Naqraw f'wieħed mill-kotba tas-Slaten kif darba s-Sultan David stqarr li jibża' li jekk jitlef il-battalja "jqabblulna xi taqbila u jwaqqgħuna għaż-żuffjett..." It-taqbil kienu jeħduh tabilħaqq bis-serjetà! Naqraw ukoll fil-Ktieb tal-Profeta Ħabaqquq, li għex fis-seklu 7 qabel Kristu, li għamel referenza għat-taqbil. Skont it-traduzzjoni ta' Zammit (Ħabaqquq 2.6) kiteb: "... ma jqabblux dawn kollha għalih taqbila iwaqqgħuh għaċ-ċajt?.." u skont Saydon "... ma jqabblux dawn kollha għalih taqbila u jgħidulu għanja niggieża? ..." Fil-Ktieb tal-Profeta Mikah, (Mikea 2.4) li wkoll għex fis-seklu 7 qabel Kristu nsibu: "F'dak il-jum iqabblulkom taqbila, (skont it-traduzzjoni ta' Saydon)". Fil-Ktieb tas-Slaten II 4.32 hemm li s-Sultan David, barra li kiteb is-Salmi, kien ukoll għannej u ħalla 1,005 għanja, u kiteb ukoll it-taqbil. Biss ma jidhirlix li fil-Bibbja nsibu taqbila waħda biss minnhom!

**Fi żmienna m'għadux isir taqbil folkloristiku?**

Isir, iżda l-aktar b'tgħajjir (għanjiet niggieża) fl-ibliet u l-irħula bejn il-partitarji ta' każini rivali. Dan ilu ħafna jsir; niftakru minn qabel il-Gwerra Dinjija (1939-1945) tas-seklu l-ieħor. Insibu bħal:

*"Ta' ---- ħallelin,*
*Serqu tazza mill-każin!"*

Jew

*"Magħna ma tagħmlu xejn,*
*Għax aħna daqskom*
*darbtejn!"*

U taqbil ieħor li jsir wisq drabi waqt il-marċi tal-festa, u jsir tgħajjir imqabbel bejn każini tal-banda, u wkoll bejn il-partitarji tal-futbol. Baqa' tabilħaqq wieħed xi jsib dwar dan is-suġġett tat-taqbil folkloristiku.

Bħala eżempju ta' kif kien isir it-taqbil bejn tnejn hemm it-taqliba "Il-Ħaddied", li għalkemm kien qalhieli Mikiel Agius, il-versi kienu jalternaw fit-taqbil tagħhom mill-barrama tas-sigarri Zolli tas-Sajjied (Z) u Ċensa l-Kalora (Ċ).

Din it-"Taqbila" kien qalhieli Mikiel Agius, Bormliż fl-1971. Għall-bidu tas-snin 50 kien emigra lejn Detroit, Michigan (l-Amerka). F'din it-taqbila kien għen ukoll ħuh Neriku. Mikiel kien ħaddiem it-Tarzna Rjali ta' Malta fejn kien ħaddied u mastrudaxxa. Mikiel kien qalli taqbiliet oħra, fosthom waħda fuq 'Id-Dar', taqbila twila li kienet tgħidha ommu. Meta kien ikun bil-burdata u kien jiftakar b'xi taqbila, kien joqgħod jgħidhieli bil-paċenzja kollha.

Taqbila oħra, din id-darba ta' xeħta marittima kien qalhieli missieri, John Dougall, Bormliż, fl-1949. Fiha naraw l-element tal-baħar u tissemma terminoloġija marittima, ta' partijiet tad-dgħajsa Maltija. Fiha kliem li kien użat l-aktar mill-barklori, il-baħħara u l-mastrudaxxi bennejja tal-qxur tal-baħar. Donnha li din it-taqbila kienet tintqal l-aktar mix-shipwrights fil-boathouse ta' taħt Kordin fit-Tarzna Rjali ta' Malta. Għandu mnejn li kienu jitgħallmuha bl-amment. X'aktarx li din it-taqbila folkloristika, bħal bosta oħrajn, kienu jgħiduha b'deklamar, ukoll f'xi intervalli minn fuq ir-ribalta tal-palk waqt il-bdil tax-xeni.